# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 57/1994G3(PC)

Jude Thaddeus sive Teddy Grima, u Carmel.Grima, f'isimhom proprju u bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija "Grima Construction Co. Ltd" .

vs

Joseph Mizzi f'ismu proprju; u l-istess Joseph Mizzi u Anthony Mizzi bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija "Rapid Excavations Limited", u b'degriet tal-11 ta' Mejju, 1999 Dr. Grazio Mercieca gie nominat bhala kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-wirt gjacenti ta' Joseph Mizzi li miet fil-21 ta' Frar, 1997 .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi proprio et nomine, wara li ppremettew :

Illi huma akkwistaw minghand il-konvenut Joseph Mizzi personalment magna ta' "Caterpillar Bulldozer" Model D9H, numru tal-magna D353ED9H, serial number 97V8708 ;

Illi safejn jafu huma r-relazzjoni guridikat taghhom hija mal-konvenut Joseph Mizzi personalment, izda dan il-konvenut semma il-kumpanija "Rapid Excavations Limited", u in vista ta' dan, din ic-citazzjoni qeghda ssir ukoll kontra l-imsemmija kumpanija ghal kull interess li jista jkollha ;

Illi l-atturi akkwistaw din il-magna bhala "reconditioned", u ghall-iskop illi din l-istess magna titwahhal fuq bulldozer illi huma kienu akkwistaw minghand l-istess konvenut; tant illi huma hallsu depozitu ta' LM4000 immedjatament illi saret l-ordinazzjoni sabiex, kif accertahom il-konvenut Joseph Mizzi, isir ix-xoghol ta' "reconditioning" fuq l-istess magna ; u l-istess magna giet konsenjata lilhom wara l-ewwel ta' Ottubru 1993 ;

Illi qabel ma giet supplita din il-magna, il-konvenut kien issupplixxa lill-atturi b'Dynamo-meter Test Report illi allegatament jirreferi ghal din il-magna, sabiex juri illi l-istess hija "reconditioned", u kien a bazi ta' din il-kwalita' ta' magna illi l-esponenti kienu akkwistaw din il-magna:

Illi appena din il-magna bdiet tithaddem wara perijodu ta' ftit biss sieghat din zviluppat xi hsarat u ghaldaqstant din kellha titwaqqaf u tigi ezaminata sabiex jigi konstatat l-effett u l-kagun ta' dawn il-hsarat ;

Illi rrizulta illi l-magna supplita lill-atturi ma kenitx "reconditioned" u kwindi, minhabba din ir-raguni u minhabba l-hsarat u difetti illi sussegwentement gew skoperti f'din il-magna, din l-istess magna ma kenitx tal-kwalita' miftehma bejn il-kontendenti ;;

Illi minhabba dan in-nuqqas fil-kwalita', l-atturi sofrew danni ngenti konsistenti fi spejjez ta' spare parts u xoghol sabiex tigi riparata l-istess magna; telf ta' uzu kemm tal-magna kif ukoll tal-bulldozer illi suppost kellha titwahhal fuqu ;

Illi sabiex jigu limitati dawn id-danni, l-atturi, fil-vesti taghhom ta' kredituri tal-konvenut, esegwew ix-xoghlijiet ta' riparazzjoni necessarja a spejjez taghhom; u dan wara illi avzaw b'dan kollu lill-konvenuti permezz ta' protest appozitu, u tawhom ukoll opportunita' jezaminaw il-magna u x-xoghol illi kien qed isir fuqha fil-garage ta' Bonnici Brothers ;

Illi l-ispejjez totali inkorsi mill-esponenti sabiex issewwiet il-magna fuq imsemmija jammontaw ghal sebat elef disa' mija u tnax-il lira maltija (LM7912), maghmulin kwantu ghal hamest elef tmien mija u sbatax-il lira maltija (Lm5817) xiri ta' spare parts u xoghol ghand United Equipment Co. Ltd. ; elf disa' mija u sitta u tmenin lira maltija (Lm1986) spejjez ohra ta' tragitti, haddiema u spare parts ohra; u mija u disa' liri maltin (Lm109) dritt professjonali tal-inginier Paul Refalo ;

Illi l-atturi kien ghad fadlilhom ihallsu lill-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' tlett elef u tlett mitt lira maltija (LM3300) bilanc tal-prezz tal-bulldozer u magna mixtrija minghandu, u ghalhekk jekk din is-somma tigi pacuta ma' parti mis-somma dovuta lilhom kif spjegat fil-paragrafu immedjatament precedenti, il-konvenuti jew min minnhom jibqalghom ihallsuhom il-bilanc ta' erbat elef sitt mija u tnax-il lira maltija (Lm4612).

Talbu lill-konvenuti proprio et nomine jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-magna ta' "Caterpillar Bulldozer" Model D9H, numra tal-magna D353ED9H, serial number 97V8708 mibjugha u konsenjata lill-atturi minnhom jew minnhom ma kienitx tal-kwalita' patwita .

2. Tillikwida r-riduzzjoni fil-prezz pattwit illi ghandha tkun dovuta lill-atturi minhabba dan in-nuqqas fil-kwalita' pattwita', kif ukoll id-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan in-nuqqas tal-kwalita' billi

tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

3. Tawtorizza t-tpacija ta' parti minn din is-somma sal-ammont ta' tlett elef lira maltija (Lm3000) mal-ammont dovut mill-atturi lilhom konvenuti jew min minnhom bilanc tal-prezz ta' din l-istess magna u bulldozer mibjugh u kkonsenjat precedentement .

4. Tikkundannahom jew min minnhom illi jhallsu lill-atturi kwalunkwe bilanc rizultanti wara din it-tpacija .

Bl-ispejjez, inkluzi tal-protest gudizzjarju tad-19 ta' Novembru 1993, u tal-ittra ufficjali ta' Awissu 1994 kontra l-konvenuti jew min minnhom .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi proprio et nomine kkonfermata bil-gurament ta' Carmel Grima .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti propro et nomine li eccepew illi :

1. Illi l-konvenut proprio et nomine qieghed jecepixxi l-inkompetenza ta' dina l-Qorti u cioe' qieghed jecepixxi l-"privilegium fori" . U dan stante li kemm hu kif ukoll Anthony Mizzi joqghodu f'Malta u ai termini tal-Artilolu 741c u 767 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili din il-kawza tista' biss tinstemgha quddiem Qorti f'Malta .

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-konvenut Joseph Mizzi f'ismu proprio gie imharrek hazin stante li hu qatt ma agixxa personalment .

3. Illi l-attur kien qieghed jagixxi bhala mandatarju tal-atturi u fir-rigward ta' din il-makna, fl-ebda waqt ma kien qieghed jagixxi ta' bejjiegh fil-konfront taghhom . Il-fatt li minn din il-makna l-konvenut nomine ma kienx ser jaghmel qliegh jipprova dan il-fatt . Il-konvenut nomine kien qieghed jghin lill-atturi l-ewwel nett ghaliex hu ghandu certu esperjenza (haga li Grima ma kellhomx) . U fil-fatt ta' min jghid li l-konvenut la nomine u l-anqas proprio qatt ma hadem ta' importatur jew bejjiegh ta' ingenji ;

4. Illi l-konvenut nomine beda jfittex makna ghall-atturi bhala mandatarju taghhom u beda jikteb jew icempel lil diversi nies barra l-pajjiz u beda jinforma lill-atturi dwar dan u dwar il-prezzijiet li kienu qed jitolbu minn barra sabiex jara jekk l-atturi riedux jixtru ; l-konvenut nomine sahansitra kien jibghat lill-atturi l-korrispondenza li kien jircievi minn barra dwar offerti ta' makni li kienu qed jintbaghtulu ;

5. Illi l-konvenut kien qal lill-attur Teddy Grima li ditta Amerikana H & R Construction Parts Inc. kellha makna ghal bejgh li kellha tinqala minn go bulldozer . Xi jiem wara l-konvenut baghat lill-atturi kopja tad-Dynometer Test Report (cioe' Dokument "X") li kienu baghtulu minn barra . Il-konvenut talab lill-atturi biex dan ir-rapport jiehduh ghand Engineer biex jezaminah u jara jekk il-makna li kellha din il-kumpanija kenitx tajba ghalihom . Wara cirka tlett ijiem li Mizzi kien baghat dan ir-rapport, Grima qallu biex jordnalhom il-makna u jgibilhom u wara jhallsuh . Tul dan iz-zmien kollu l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala mandatarju kif delegat u imqabbad mill-atturi ;

6. Illi l-makna kellha tiswa minn barra l-ekwivalenti ta' Lm6,000.00,0 inkluz il-"freight" u insurance . Pero fil-fatt il-makna giet tiswa Lm6,242.00,0 minhabba varjazzjoni fil-kambju u xi zieda fil-freight u oltre l-ispiza tal-ippakkjar tal-istess makna . Kien dan il-prezz li Mizzi ghadda lil Grima kif jista' jigi konstatat minn dokument "D" . Biex b'hekk Mizzi la nomine u wisq anqas proprio ma kienx qieghed ibiegh xejn lill-ahwa Grima izda kien biss qieghed jagixxi fuq istruzzjonijiet taghhom u jagixxi bhala mandatarju taghhom sabiex igibilhom din il-makna mill-Amerika .

7. Fil-fatt fl-istima tal-makna maghzula minn ghand H & R Construction Parts Inc. il-freight qatt ma kien inkluz mal-prezz, izda kellu jigi negozjat separatament mill-konvenut mal-freight forwarder indikat minn H & R . Meta l-konvenut noe kien qieghed jirreferi dan kollu lill-atturi, dawn tal-ahhar kien jghidulu kontinwament "**Ghamel int ! Li jkun hemm bzonn ghamel u wara inhallsuk!" .** Dan il-kliem kien jghidulu Teddy Grima ;

8. Illi kien biss ghalhekk (u ghal fatt li l-attur kien iqis lill-ahwa Grima bhala hbieb) li meta Teddy Grima qallu **"gibili u imbaghad inhallsek"** Mizzi hareg il-flus u fil-fatt qabel ma talab lill-Amerikani jibghatulu l-makna minn barra, peress illi dawn riedu hlas minn qabel Mizzi talab lil Grima itih Lm4,000.00,0 pagament li kien ikopri parti sostanzjali mill-prezz tal-makna nnifisha . Fil-fatt ghalhekk mill-ammont ta' Lm6,242.00,0 (Dokument "A") . Intant Mizzi fuq istruzzjonijiet ta' Grima, kien anke xtara ghall-ahwa Grima gaskit u zewg valves ammontanti ghal Lm65.00,0 (dokument "b") li wkoll taghhom ghadu ma thallasx . Dawn fil-fatt ghadhom qeghdin ghand il-konvenut noe ;

9. Illi ghalhekk gie lil-konvenut biex iwettaq il-mandat tieghu hareg ghall-atturi sosmma ta' LM6,242.00,)) u li ghalkemm l-istess atturi kienu weghduh li ser ihallsuh kollox dawn hallsu biss is-somma ta' Lm4,000 biex b'hekk fadlilhom ihallsuh is-somma ta' Lm2,242.00,0 if jindika dokument "A" .

10. Illi intant Joseph Mizzi nomine barra Lm2,242 li ghad fadallu jiehu tas-somma li hareg biex inxtara l-magna ghall-konvenuti u barra s-somma ta' Lm65 fuq indikata ghad fadallu wkoll jiehu s-somma ta'

Lm1,000 bilanc dovut wara l-bejgh tal-Bulldozer Caterpillar kif jindika l-istatement anness bhala dokument "C" biex b'hekk l-attur hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm3,307.00,0 . Mitlubin ihallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu inadempjenti .

11. Illi ghalhekk il-legittimu kontradittur tal-atturi ghandha tkun il-kumpanija estera li maghha l-konvenut kien qieghed jagixxi fuq istruzzjonijiet tal-atturi .

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut kien informa lill-attur biex ma jaghmilx spejjez u biex ma jmissx il-makna sabiex id-ditta estera tkun tista' tigi interpellata biex twettaq l-obbligi taghha skond il-garanzija taghha . Dan jirrizulta minn diversi ittri kif ser jirrizulta . L-atturi ghogobhom jimxu mod iehor u b'hekk ippregudikaw ic-cans li l-konvenut igieghel lid-ditta estera biex tintervjeni; issa ghalhekk it-talba taghhom ghad-danni ma tistax tregi .

13. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-makna li d-ditta estera forniet lill-atturi kienet dik pattwita hielsa minn difetti li, la zviluppaw wara l-konsenja, ghandhom jigu sopportati mill-atturi wahidhom .

14. Illi ghalhekk il-konvenut pro et noe la hu tenut ihallas danni u la hu tenut ihallas xi forma ta' kumpens minhabba konsenja ta' oggetti mhux tal-kwalita' pattwita .

15. Salvi eccezzjonijiet ohra .

16. Illi l-konvenuti jixtiequ jipprevalixxu minn din il-kawza biex jipprezentaw il-kontro-talba taghhom .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti propio et nomine kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Mizzi .

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti proprio et nomine fejn wara li ppremettew illi :

Il-konvenut nomine kien biegh lill-atturi Caterpillar Bulldozer u kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat bl-ittra "C" ta' dan il-Caterpillar Bulldozer l-atturi fadlilhom ihallsu lill-konvenut noe s-somma ta' LM1,000.00,0;

Illi l-makna ta' dan il-Bulldozer splodiet u kien ghalhekk illi Teddy Grima talab lil Joseph Mizzi biex jghinu jsib makna ohra ghal Caterpillar Bulldozer ;

Illi fil-fatt Teddy Grima pprova jixtri din il-makna minn ghand certu Lippu tal-Attrans pero peress ill din kienet tiswa hafna u anke peress illi dan Lippu dik li kellu kien lahaq bieghha, Grima rega' talab lil Joseph Mizzi biex jghinu jsib wahda minn barra ;

Illi l-konvenut noe beda jfittex makna ghall-atturi bhala mandatarju taghhom u beda jikteb jew icempel lil diversi nies barra l-pajjiz u beda jinforma lill-atturi dwar dan u dwar il-prezzijiet li kienu qed jitolbu minn barra sabiex jara jekk l-atturi riedux jixtru; l-konvenut sahansitra kien jibghat lill-atturi l-korrispondenza li kien jircievi minn barra dwar offerti ta' makni li kienu qed jintbaghtulu ;

Illi l-konvenut qal lill-attur Teddy Grima li ditta Amerikana H & R Construction Parts Inc. li kellha makna ghal bejgh li kellha tinqala minn go Bulldozer . Xi jiem wara l-attur baghat lill-atturi kopja tad-Dynometer Test Report (cioe' Dokument "X") li kienu bghatulu minn barra . Il-konvenut noe talab lill-atturi biex dan ir-rapport jiehduh ghand Engineer biex jezaminah u jara jekk il-makna li kellha din il-kumpanija kenitx tajba ghalihom . Wara cirka tlett ijiem li Mizzi kien baghtilhom dan ir-rapport, Grima qallu biex jordnalhom il-makna u igibilhom u wara jhallsuh . Tul dan iz-zmien kollu l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala mandatarju kif delegat u mqabbad mill-atturi ;

Illi l-makna kellha tiswa minn barra l-ekwivalenti ta' LM6,000 inkluz il-"freight" u insurance . Pero fil-fatt il-makna giet tiswa Lm6,242 minhabba varjazzjoni fil-kambju u xi zieda fil-freight u oltre l-ispiza tal-ippakkjar tal-istess makna . Kien dan il-prezz li Mizzi ghadda lil Grima kif jista' jigi konstatat minn Dokument "D" . Biex b'hekk Mizzi la nomine wisq anqas proprio ma kienx qieghed ibigh xejn lill-ahwa Grima izda kien biss qieghed jagixxi fuq istruzzjonijiet taghhom u jagixxi bhala mandatarju taghhom sabiex igibilhom din il-makna mill-Amerika .

Illi fil-fatt fl-istima tal-makna maghzula minn ghand H & R Construction Parts Inc. il-freight qatt ma kien inkluz mal-prezz, izda kellu jigi negozjat separatament mill-konvenut mal-freight forwarder indikat minn H & R . Meta l-konvenut kien qieghed jirreferi dan kollu lill-atturi, dawn tal-ahhar kien jghidlu kontinwament "**ghamel int ! Li jkun hemm bzonn ghamel u wara inhallsek!" .** Dan id-diskors fil-fatt qalu Teddy Grima .

Illi ghalhekk l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala mandatarju tal-atturi u fir-rigward ta' din il-makna, fl-ebda waqt ma kien qieghed jagixxi ta' bejjiegh fil-konfront taghhom . Il-fatt li minn din il-makna l-konvenut ma kienx ser jaghmel qliegh jipprova dan il-fatt . Il-konvenut kien qieghed jghin lill-atturi l-ewwel nett ghaliex hu ghandu certu esperjenza (haga li Grima ma kellhomx) . U fil-fatt ta' min jghid li l-konvenut noe qatt ma hadem ta' importatur jew bejjiegh ta' ingenji ;

Illi kien biss ghalhekk (u ghal fatt li l-konvenut kien iqis lill-ahwa Grima bhala hbieb) li meta Teddy Grima qalu "**gibili u imbaghad inhallsek" .** Mizzi hareg il-flus u fil-fatt qabel talab lill-Amerikani jibghatulu l-makna minn barra, peress illi dawn riedu hlas minn qabel Mizzi talab lil Grima itih LM4,000 – pagament li kien ikopri parti sostanzjali mill-prezz tal-makna nnifisha . Fil-fatt ghalhekk mill-ammont ta' Lm6,242 li hareg il-konvenut, Teddy Grima tah Lm4,000 u fadallu itih Lm2,242 (Dokument "A") . Intant Mizzi fuq istruzzjonijiet ta' Grima, kien anke xtara ghall-

ahwa Grima gaskit u zewg valves ammontanti ghal Lm65 (dokument “B”) li wkoll taghom ghadu ma thallasx .

Illi ghalhekk gie li l-konvenut biex iwettaq il-mandat tieghu hareg ghall-attur is-somma ta’ Lm6,242 u li ghalkemm l-istess atturi kienu weghduh li ser ihallsuh kollo dawn hallsuh biss is-somma ta’ Lm4,000 biex b’hekk fadlilhom is-somma ta’ Lm2,242 kif jindika dokument “A” .

Illi intant Joseph Mizzi nomine barra Lm2,242 li ghad fadallu jkiehu tas-somm li hareg biex tinxtara l-makna ghall-atturi u barra s-somma ta’ Lm65 fuq indikata ghad fadallu wkoll jiehu s-somma ta’ Lm1,000 bilanc dovut wara l-bejgh tal-Bulldozer Caterpillar kif jindika l-istatement anness bhala dokument ‘C” biex b’hekk l-konvenut hu kreditur tal-atturi fis-somma ta’ LM3,307 .

Illi minkejja li gew interpellati biex ihallsu dan l-ammont b’diversi ittri u b’kontro-protest anness u markat bhala dokument “E” l-atturi baqghu inadempjenti .

Talbu lill-atturi proprio et nomine jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi huma debituri tal-konvenut nomine fis-somma ta’ tlett elef, tlett mija u seba’ liri Maltin (Lm3,307 – in kwantu ghal Lm2,242 bilanc dovut mill-atturi lill-konvenut noe wara li dan bhala mandatarju tal-atturi xtara u hallas ghal makna ta’ bulldozer, kwantu ghal Lm1,000 bilanc ta’ prezz dovut wara bejgh u konsenja ta’ Caterpillar Bulldozer; u kwantu ghal Lm65 bilanc dovut mill-atturi lill-konvenuti noe wara li dan bhala mandatarju tal-atturi xtara u hallas ghal gaskit u zewg valves .
2. Tordna lill-atturi jhallsu lill-konvenut nomine l-ammont ta’ tlett elef, tlett mija u seba’ liri Maltin (Lm3,307).

Bl-interessi legali mill-25 ta’ Ottubru, 1993 . U bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ sitt ittri legali u ta’ kontro-protest gudizzjarju .

L-atturi huma minn issa stess debitament ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi proprio et nomine ghal din il-kontro-talba fejn eccepew :

1. Illi fl-ewwel lok, ic-citazzjoni odjerna hija intempestiva ghaliex l-esponenti qatt ma cahdu illi huma ghandhom ihallsu lill-konvenut (proprio jew nomine) is-somma ta’ tlett elef lira maltija (Lm3,000) dovuta kwantu ghal elfejn lira maltija (Lm2,000) mill-prezz tal-magna u elf lira maltij (Lm1,000) mill-prezz tal-bulldozer . Infatti fic-citazzjoni taghhom l-esponenti talbu proprjament illi din is-somma tigi pacuta ma’ parti mill-ammont dovut lilhom . Ghaldaqstant zgur illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandhom ibatu ebda parti mill-

ispejjez ta' din il-kawza in kwantu jirrigwarda t-talba ghall-hlas ta' dan l-ammont .

2. Illi s-suespost jinghad minghajr pregudizzju ghall-pretensjoni tal-atturi illi r-relazzjonijiet taghhom huma ma' Joseph Mizzi personalment u mhux mz xi kupannija tieghu, u illi ghalhekk l-ammont hu dovut lill-imsemmi Joseph Mizzi u mhux lill-kumpanija illi qeghda titlob il-hlas.
3. Illi s-suespost jinghad ukoll minghajr pregudizzju ghall-pretensjoni tal-atturi illi l-ammont dovut minnhom hu in linea ta' hlas ta' oggetti mibjugha lilhom mill-konvenut u mhux in parti in ezekuzzjoni ta' xi pretiz mandat moghti lilhom lil Mizzi .
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi proprio et nomine rigward din il-kontro-talba .

Rat is-sentenzi preliminari taghha ta' l-24 ta' Ottubru 1995 u 14 ta' Marzu 1997 rispettivament rigward l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* u n-nuqqas ta' interess fl-attur Joseph Mizzi proprio, liema eccezzjonijiet gew it-tnejn respinti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits prodotti, u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kwistjonijiet li nqalghu bejn il-kontendenti sussegwenti n-negozju dwar xiri ta' bulldozer tat-tip "Caterpillar" li kien inxtara mill-atturi biex jintuza fil-barrieri taghhom, kif ukoll x-xiri ta' magna 'reconditioned' biex titqieghed minflok dik li kienet splodiet ftit wara l-akkwist ta' l-istess bulldozer . Jinghad mill-bidu illi ghalkemm il-konvenuti proprio et nomine jallegaw illi l-bejgh ma sarx minnhom, imma huma semplicement agixxew ta' mandatarji ta' l-atturi, irrizulta ampjament illi dawn ta' l-ahhar dejjem ikkorrispondew u ttrattaw direttament f'isimhom u mhux f'isem l-atturi fl-akkwist mill-esteru sew tal-bulldozer kif ukoll tal-magna . Il-fatturi relattivi, inkluzi dawk tad-dwana, nhargu dejjem f'isem il-konvenuti u l-hlasijiet akkont dejjem saru mill-atturi direttament lill-konvenuti u qatt lill-kumpanija estera . Din l-eccezzjoni wkoll qed tigi ghalhekk michuda .

Il-Qorti gia kellha okkazjoni tippronunzja ruhha dwar l-involviment personali ta' l-attur Joseph Mizzi fin-negozju li sar ma' l-atturi (ara sentenza ta' l-14 ta' Marzu 1997). Billi mhux qed jigi michud l-involviment tas-socjeta' "Rapid Excavations Limited" kif rapprezentata, jirrizulta li ghal dan in-negozju jridu jwiegbu il-konvenuti kollha fil-kwalita' taghhom citata .

Rigward il-mertu, rrizulta ampjament mill-provi prodotti illi l-bulldozer akkwistat mill-atturi kien mill-ewwel difettuz, tant illi ftit wara li beda jintuza minnhom, il-magna tieghu splodiet . Wara li fittxew ghand diversi agenti biex jibdlu din il-magna, l-atturi gew konvinti mill-konvenuti li

setghu jipprovdulhom magna tajba ‘reconditioned’ mill-Ingilterra, minflok dik li kienet splodiet . L-atturi anke gew murija certifikati dwar il-kondizzjoni tal-magna li kienet ser tingibilhom (a. fol. 19) . Ghalhekk huma minnufih inkarigaw lill-konvenuti sabiex jiehdu hsieb jipprokuralhom din il-magna .

Gara pero’ illli mmedjatament li l-bulldozer in kwistjoni rega’ tqieghed ghax-xoghol bil-magna mibdula, inqala’ l-inkwiet mill-gdid u l-bulldozer ma setghax jithaddem aktar . L-atturi nkarigaw mechanical engineer sabiex jara ghaliex dan il-bulldozer kien rega’ waqfilhom . Wara zewg ezamijiet fuq din il-magna l-engineer Paul Refalo kien f’pozizzjoni jirrilaxxja c-certifikati li gew esebiti fl-atti processwali ta’ din il-kawza (Dokti. A u B a fol. 7 –12) . Sussegwentement intbaghat rapport minghand l-istess engineer lill-konvenuti sabiex jispjegalhom fid-dettal x’kienu n-nuqqasijiet li sab fil-magna minnhom mibjugha lill-atturi bhala ‘reconditioned’ (Dok. D a fol. 16 –17) . L-engineer Refalo fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza, rega’ kkonferma c-certifikati minnu rilaxxjati dwar il-kundizzjoni tal-magna supplita mill-konvenuti, u l-fatt illi fil-fehma tieghu din il-magna ma kienet giet ‘reconditioned’ xejn, imma semplicement misbugha superficjalment biex taghti dehra apparenti bhala tali.

Il-konvenuti, minkejja li gew interpellati diversi drabi mill-atturi sabiex jirremedjaw ghal dawn in-nuqqasijiet, anke permezz ta’ protest gudizzjarju (Dok. C a fol. 1315), ma tantx urew hegga li jaghmlu xi haga malajr dwar dan . Infatti saru tentattivi biex din il-magna tissewwa u nbidlulha xi parts minn mechanics minghuta mil-konvenuti, imma qatt ma regghet giet sewwa . Allura l-atturi, anke peress illi ma setghux joperaw il-barriera taghhom minghajr dan il-bulldozer, u sabiex jimminimizzaw id-danni, qabdu u nkarigaw kumpanijia maltija biex taghmel it-tiswijiet mehtiega fuq din il-magna . Sew il-mechanic tal-kumpanija United Equipment Company Limited kif ukoll wiehed mid-diretturi ta’ l-istess kumpanija kkonfermaw fid-depozizzjoni taghhom il-hsarat li nstabu f’din il-magna u t-tiswijiet li kien jehtieg isiru sabiex il-bulldozer ta’ l-atturi jkun jista’ jerga’ jibda jiffunzjona . Invoice tar-*replacement parts* mehtiega u l-ispejjez tax-xoghol relattiv tinsab esebita ukoll fl-atti processwali (Dok. JT 1. a fol. 201-202) .

M’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-atturi ghandhom dritt jirkupraw l-ispejjez inkorsi minnhom fit-tiswija tal-bulldozer in kwistjoni . Huma xtraw magna li gew assikurati mill-konvenuti li kienet 'reconditioned' u allura kellhom kull gustifikazzjoni jippretendu illi tali magna kellha taghtihom perijodu ragonevoli ta’ uzu minghajr ebda inkwiet . Zgur ghalhekk illi l-oggetti mibjugha ma kienux tal-kwalita’ pattwita, bil-konsegwenzi kollha illi bejgh simili ghandu jgib ghall-venditur .

Permezz ta’ din ic-citazzjoni l-atturi qeghdin jitolbu li jigu awtorizzati jpacu parti mill-ispejjez li ghamlu in konnessjoni mat-tiswijiet mehtiega fuq il-bulldozer u magna li kienu akkwistaw minghand il-konvenuti mal-bilanc li kien ghad baqaghlhom jaghtu lill-konvenuti in sodisfazzjoni tal-

prezz taghhom . It-tpacija jew kif insibuha fid-dottrina legali "**la compensazione**" hija certament wahda mill-metodi ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet . Il-**Laurant** jispjega illi : "*La liberazione di due persone le quali si trovano debitrici l'una verso l'dell'altra ha luogo di pien diritto . Essa si effetua per sola virtu' della legge, senza necessita' di alcuna pronunzia del giudice, ed anche all'insaputa dei debitori*" (Principii vol. XVIII. # 380) . Fil-kaz in ezami zgur li jezistu l-elementi mehtiega sabiex tkun tista' ssir din it-tpacija bejn il-kontendenti (artikoli 1196-1204 Kap. 16) . Minn naha ghandna l-atturi li mhumiex qed jinnegaw li ghad baqaghlhom jaghtu bilanc ta' tliet elef lira lill-konvenuti in konsiderazzjoni tal-bejgh li sar lilhom ta' bulldozer u magna ghalieh . Minn naha l-ohra rrizulta illi minhabba d-difetti li tfaccaw fl-istess bulldozer, l-atturi kellhom jaghmlu diversi spejjez sabiex jerghu igibu dan il-bulldozer f'kundizzjoni tajba bizzejjed biex jerga' jintuza .

Jirrizulta mid-diversi dokumenti esebiti illi l-atturi kien ghad baqaghlhom jaghtu lill-konvenuti bilanc ta' elf lira maltija (Lm1000) fuq il-prezz tal-bulldozer Caterpillar D9H, mibjugh u konsenjat lilhom (Dok. C anness mad-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti a fol. 51), kif ukoll bilanc ta' elfejn mitejn tnejn u erbghin lira (Lm2242) fuq il-magna ghall-istess bulldozer (Dok. A a fol. 49), total ta' tliet elef mitejn tnejn u erbghin lira mlatija (Lm3242) .

Sabiex ghamlu t-tiswijiet mehtiega fuq il-magna supplita lilhom mill-konvenuti, rrizulta li l-atturi hallsu lis-socjeta' United Equipment Company Limited ta' Burmarrad is-somma ta' hames telef tmien mija u sbatax il-lira maltija u sittax il-centezmu (Lm5817.16), (Dok. MB 1 a fol. 237-8) . Inkorrew diversi spejjez ohra f'tentattivi ta' tiswija u giri lejn Malta fi sforz li jippruvaw jergghu jhaddmu dan il-bulldozer . Dawn l-ispejjez li gew elenkati fil-lista kronologika (Dok. G) esebita mill-atturi flimkien mad-Dikjarazzjoni tal-fatti taghhom (a fol. 21-22) giet ukoll ikkonfermata fl-affidavit ta' l-attur Teddy Grima fejn (a fol.185-189) ta spjegazzjoni dettaljata ta' x'kellhom jaghmlu l-atturi f'dan ir-rigward . Dawn l-ispejjez ulterjuri lahqu s-somma ta' elf disa' mija u wiehed u tmenin lira maltija (Lm1981) . Hemm ukoll d-drittijiet professjonali tal-engineer Refalo li jammontaw ghal mija u disa' liri maltin (Lm109), (Dok. F a fol. 20) . B'hekk jigi li l-atturi kellhom jonfqu total ta' seba' telef disa' mija u seba' liri maltin (Lm7907) biex rega' kellhom bulldozer jiffunzjona tajjeb ghall-htigijiet taghhom .

Jigi ghalhekk illi, wara li jigi pacut l-ammont dovut mill-atturi lill-konvenuti in konsiderazzjoni tal-bejgh lilhom tal-bulldozer u l-magna, jigi li l-atturi huma ntitolati jirreklamaw minghand il-konvenuti d-differenza fi spejjez inkorsi minnhom, u cioe; s-somma ta' erbat elef sitt mija hamsa u sittin lira maltija (Lm4665) .

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi proprio et nomine talbu wkoll ir-riduzzjoni fil-prezz pattwit ghall-magna minnhom mixtrija minghand il-konvenuti minhabba n-nuqqas ta' kwalita' pattwita . Imma ghalkemm ipproducew provi dwar il-hsarat ezistenti fl-istess magna, l-atturi naqsu milli jressqu

prova dwar il-valur imnaqqas ta' din il-magna bil-hsarat li kellha qabel ma ssewwiet. F'tali cirkostanzi l-Qorti jidhrilha illi d-danni li gew likwidati a favur ta' l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghar-riduzzjoni fil-prezz pattwit altrimenti dovut, ghax issa kellhom magna li setghu jahdmu biha . Lanqas ikun gust li l-konvenuti jigi penalizzati darbtejn ghall-istess nuqqasijiet .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar ic-citazzjoni proposta mill-atturi prorpio et nomine billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-magna ta' "Caterpillar Bulldozer" model D9H, numru tal-mahna D353ED9H, serial number 97V8708 mibjugha u kkonsenjata lill-atturi mill-konvenuti proprio et nomine ma kienitx tal-kwalita' pattwita ;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan in-nuqqas fil-kwalita' pattwita fis-somma ta' sebat elef disa' mija u seba' liri maltin (Lm7907) ;
3. tawtorizza it-tpacija ta' parti minn din is-somma mill-ammont ta' tliet elef mitejn tnejn u erbghin lira maltija (Lm3242) dovuti lill-konvenuti bhala bilanc tal-prezz tal-magna u bulldozer mibjugha u konsenjati lilhom; u
4. tikkundanna lill-istess konvenuti proprio et nomine, kif rapprezentati, *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi proprio et nomine il-bilanc ta' erbat elef sitt mija hamsa u sittin lira maltija (Lm4665) rizultanti minn din it-tpacija .

L-ispejjez, apparti dawk gia decizi biz-zewg sentenzi preliminari taghha fuq imsemmija, jkunu a karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom .

Tiddecidi dwar il-kontro-talba, ghall-istess ragunijiet indikati f'din is-sentenza, u peress ukoll illi l-atturi qatt ma cahdu li kien ghad baqaghlhom jaghtu lill-konvenuti ghall-bulldozer u magna mibjugha minnhom, imma semplicement riedu li dan jigi pacut ma' dak dovut lilhom konsegwenza tad-difetti rizultanti billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi, tichad it-talbiet tal-konvenuti bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba kontra taghhom ukoll .

Magistrat .

Deputat Registratur .

S5794G3(Pc)
4116